MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 4/2003/1

Rikors Nru: 4/2003

Azzopardi General Transport Ltd

Vs

George Mifsud, Joseph Mifsud u Micallef

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-Socjeta Azzopardi General Transport Ltd li tesponi bir-rispett:

Illi hija tikri minghand l-intimati l-garage “St Joseph”, Tal-Hlas Road, Qormi, bil-kera ta’ Lm220 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fit-18 ta’ Jannar, 2003.

Illi permezz ta’ ittra ufficjali tat-18 ta’ Dicembru 2002 (Dok A), l-intimati talbuy zieda fil-kera minn Lm220 fis-sena ghal Lm1000 fis-sena.

Illi s-socjeta' esponenti qeghda topponi dan l-gholi fil-kera billi huwa irragonevoli u esagerat.

Ghaldaqstant, is-socjeta esponenti titlob bir-rispett illi z-zieda fil-kera tal-fond Garage, St Joseph, Tal-Hlas Road, Qormi, mitluba mis-sidien fl-ittra ufficjali Dok A tigi michuda minn dan il-Bord. Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-intimati li jesponu bir-rispett:

Illi huma pprezentaw rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera llum stess fejn huma talbu lill-Onorabbli Bord sabiex is-socjeta rikorrenti ghandha tigi zgumbrata mill-fond “St Joseph”, tal-Hlas Road, Qormi.

Ghaldaqstant l-intimati umilment jitolbu lill-dan l-Onorabbli Bord sabiex jiddifferixxi l-kawza sine die sakemm l-kawza fl-ismijiet George Mifsud et vs Azzopardi General Transport Ltd tigi deciza u dan salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Ra d-digriet tieghi tat-23 ta’ Ottubru 2003 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni tal-imsemmija periti teknici.

Ikkonsidra,

1. Illi l-intimati ressqu nota ta sottomissjonijiet fejn qed jghidu li l-periti teknici qed jirreferu ghal ‘dar qadima’ u mhux ghal mahzen.
2. Fl-gheluq tar-rapport taghhom il-periti jsemmu l-Art 5(b) tal-Kap 109. Il-Kap 109 illum sar il-Kap 69 tal-Ligijiet ta Malta. L-Art 5(b) tal-Kap 109 illum hu l-Art 4(b) tal-Kap 69 li jghid dwar zieda f’kera.

“jekk il-kera gdid ma jkunx izjed minn 40% mill-kera gust stabbilit, meta mehtiega bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta kera f’kull zmien qabel l-4 ta’ Awissu tal-1914………”

Fir-rapport taghhom il-periti meta jsemmu l-hatra taghhom qed isemmu l-Art 23 tal-Kap 69. Ghalkemm il-periti setghu raw it-taqlib fin-numri tal-kapitoli tal-Ligijiet ta Malta li jsir ta sikwit u jaghmel ix-xoghol aktar iebes ghal kulhadd, dak li qed jghidu l-intimati fin-nota ta sottomissjonijiet taghhom mhux korrett u ghalhekk it-talba maghmula fin-nota ta sottomissjonijiet ma tistax tigi milqugha.

Billi mir-rapport tal-periti teknici jirrizulta li l-kera ta llum ta mitejn u ghoxrin lira (Lm220) fis-sena diga hija izjed min dak li l-fond kien mikri jew seta kien mikri fl-4 ta' Awissu 1914 il-Bord jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimati

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------